# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024.**

**Rikors Nru: 694/2021 ISB**

**David Agius, detentur tal-karta tal-identità numru 498149M**

**Vs**

**L-Avukat Dr Pio Valletta bħala trustee tar-rikorrenti David Agius u tas-soċjetà Alison Investments Limited (C77176) u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2022, Stephen Delicata (KI 287767M) ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2023, ġiet kjamata fil-kawża Trident Trust Company Malta Limited bħala trustee ta' PV Trust**

**DAN HUWA DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA LLUM GĦAT-TALBA TAR-RIKORRENT MAGĦMULA WAQT L-UDJENZA TAL-24 TA' JANNAR 2024 U LI PERMEZZ TAGĦHA HUWA TALAB SABIEX JIĠI KJAMAT IN KAWŻA ME DIRECT BANK PLC**

## Il-Qorti:

Rat it-talba tal-Avukat Dottor Edward Debono magħmula waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024 għan-nom tar-rikorrent, fejn jingħad hekk:

> *Dr De Bono jirrileva illi minkejja l-mertu ta' din il-kawza, Dr Pio Valletta li kellu f'idejh share transfer in bianc sakemm id-debitu li kellu David Agius jithallas, ma kellu jsir l-ebda trasferiment ghax f'kaz ta' nuqqas ta' hlas dawn l-azzjonijiet kellhom jirrevertu f'idejn ir-rikorrenti. Illi minkejja dan, Trident Trust ghan-nom ta' Me Direct Bank plc akkwistaw dawn l-azzjonijiet bi frodi ta' drittijiet proprjetarji tar-rikorrenti. Illi ghalhekk jehtieg f'dan l-istadju illi oltre l-principju ta' frans omni corrumput jigu kjamati in kawza wkoll Me Direct Bank plc biex jirrispondu ghal azzjonithom meta huma kienu jafu, qabel dan it-trasferiment, bil-pozizzjoni li kienet ezistenti bejn ir-rikorrenti u l-intimati. Ghalhekk f'dan l-istadju qed jintalab illi jigu kjamati in kawza Me Direct Bank plc, b'riserva ghal kull azzjoni ohra li talvota tispetta lir-rikorrenti.*
>
> *Il-Qorti qed tistieden lill-intimati u lill-intervenuti fil-kawza sabiex jirrispondu ghal dan il-verbal u din it-talba sa zmien gimghatejn mil-lum, b'notifika lid-difensuri tar-rikorrenti anke b'mezzi elettronici.*
>
> *Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ghandha tghaddi ghal digriet in camera wara li tiehu konjizzjoni wkoll tar-risposti illi ghandhom jidhlu.*

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr Pio Valletta noe u tas-soċjetà Alison Investments Limited tas-26 ta' Jannar 2024;

Rat il-kontro-replika tar-rikorrent David Agius tal-31 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti kollha.

## Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-rikors <u>promotur</u>, ir-rikorrent li qiegħed iressaq din it-talba għall-kjamat in kawża ta' Me Direct Bank Plc qed jitlob, salv għad-dikjarazzjoni mitluba, illi l-intimat Dr Pio Valletta jirreġistra r-ragħan (pledge) favuru fuq is-shares tas-soċjetà D.A. Holdings Limited mal-MBA, u fl-istess waqt iċedi u jissoministra d-dokumenti originali ta'

share transfer li għandu in fiduċja fil-pussess tiegħu lill-istess rikorrenti, stante illi Dr Valletta qiegħed iżomm pussess tal-istess share transfer in trust u għar-raġunijiet indikati kemm fit-talba u kif ukoll fil-premessi.

Illi fir-risposta tiegħu, l-intimat Dr Pio Valletta jispjega illi ġew trasferiti l-ishma tar-rikorrent u soċju ieħor, Stephen Delicata, fis-soċjetà D.A. Holdings Limited lis-soċjetà Alison Investments Limited, versu press li kien miftiehem u mħallas. Jgħid illi l-uniku soċju fil-kumpanija Alison Investments Limited huwa Andrew H. Vaswani. Jikkonferma illi hemm iffirmat ftehim in bjank ta' trasferiment ta' ishma mis-soċjetà Alison Investments Limited a favur ir-rikorrent u Stephen Delicata sabiex f'każ ta' inadempjenza fir-rigward ta' ħlas prevvist fil-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-ishma jiġu trasferiti lura lir-rikorrent attur u Steven Delicata.

Dr Valletta jispjega illi huwa minnu illi skont il-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu huwa kellu jikkustodixxi l-ftehim in bjank sabiex jgħaddih għar-reġistrazzjoni lill-kredituri skont l-istess ftehim f'każ ta' inosservanza tal-kundizzjonijiet fil-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu, però jispjega illi huwa ġie mwaqqaf u inibit milli jagħmel dan minn Alison Investments Limited għar-raġunijiet minnu hemmhekk imsemmija.

Jikkontendi illi r-reġistrazzjoni u l-iskrizzjoni tar-rahan fir-rigward tal-ishma tar-rikorrenti ma hux obbligu tiegħu u għalhekk ma hux obbligat illi jirrilaxxja l-ftehim iffirmat in bjank għat-trasferiment lura tal-ishma skont il-ftehim.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi bit-talba illi qed issir mir-rikorrenti għall-kjamat in kawża ta' Me Direct Bank Plc, li ghaliha qed jingħata dan id-digriet, ir-rikorrent qed issostni illi minkejja illi l-Avukat Pio Valletta kellu jżomm f'idejh is-share transfer in bjanl u ma kellu jsir ebda trasferiment tal-ishma, Trident Trust għan-nom ta' Me Direct Bank Plc kienu akkwistaw dawn l-azzjonijiet bi frodi ta' drittijiet proprjetarji tar-rikorrenti minħabba l-pendenzi odjerni. Ir-rikorrenti, ibbażat fuq il-prinċipju legali *fraus omnia corrumpit*, talab għalhekk il-kjamat in kawża ta' Me Direct Bank Plc "*biex jirrispondu ghal azzjonithom meta huma kienu jafu, qabel dan it-trasferiment, bil-pozizzjoni li kienet ezistenti bejn ir-rikorrenti u l-intimati*". Ir-rikorrenti ressaq din it-talba b'riżerva ghal kull azzjoni oħra li tispetta lilu.

L-intimati Dr Pio Valletta u Alison Investments Limited wieġbu għal din it-talba b'risposta datata 26 ta' Jannar 2024. Huma jsostnu in suċċint illi l-Bank imsemmi ma jistax jirrispondi għat-talbiet kif magħmula fir-

rikors promotur in segwitu għall-premessi hemmhekk magħmula. Isostnu illi l-azzjoni *de quo* tirrigwarda ftehim bejn il-partijiet u l-intervenut fil-kawża u b'ebda mod l-azzjoni tal-attur ma hija intenzjonata illi tistabbilixxi responsabbilità għal xi azzjoni jew ommissjoni li setgħet saret minn xi terz mhux parti għal dak il-ftehim.

Jispjegaw illi l-ftehim bejn il-partijiet msemmija huwa *res inter alios* versu l-bank msemmi u fuq l-iskorta tal-prinċipju *res inter alios acta aliis need nocet nec podest*, il-Bank li lilu qed jittenta l-attur jikkjama in kawża ma għandux jiġi involut f'dawn il-proċeduri fejn ma hemm ebda skop, raġuni jew ġustifikazzjoni għaliex għandu jieħu sehem fiha.

Isostnu għalhekk illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika attwali, impliċita jew potenzjali tal-MeDirect Bank (Malta) plc fir-rigward u in kwantu t-talbiet tar-rikorrent attur f'din il-kawża. Isostnu illi l-motivazzjoni dikjarata mill-istess attur fit-talba tiegħu, ossia dikjazzjoni ta' responsabbilità hija ċertament waħda illi ma tinkwadrax fil-mertu tal-vertenza prinċipali bejn il-partijiet.

In kontro-replika, l-attur isostni illi l-bank MeDirect Bank Malta plc kien konxju tal-proċeduri odjerni u jesebixxi dokument in sostenn ta' dan, u jagħmel referenza għar-risposta ta' Trident Trust Company Limited magħmula wara illi din ġiet kjamata in kawża, fejn ġie dikjarat illi Me Direct Bank Malta plc kienet talbet is-servizzi ta' Trident Trust biex jinqalbu s-shares li kienu ffirmati in bjank a favur David Agius, u allura jsostni illi huwa essenzjali għal ġustizzja li MeDirect Bank Malta plc tiġi kjamata in kawża għal frodi perpetrata bejn l-Avukat Dr Pio Valletta, Alison Investments Limited u MeDirect Bank Malta plc.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi qabel xejn ser jiġi ċċarat illi għalkemm ir-rikorrenti, fit-talba tagħhom, jirreferu għal **Me Direct Bank plc**, b'dan kollu kif jirriżulta mill-atti, kemm mir-risposta tal-kjamat in kawża Trident Trust Company (Malta) Limited għall-azzjoni proprja u kif ukoll mir-risposta tal-intimati Dr Pio Valletta u Alison Investments Limited għat-talba hawnhekk in diskussjoni, tqis illi l-Bank li qed jintalab illi jidħol fil-kawża huwa in effetti **MeDirect Bank (Malta) plc**, u dan il-ġudizzju jirrigwarda għalhekk il-bank bl-isem **MeDirect Bank (Malta) plc.**

Il-Qorti tqis illi kif ċitat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-18 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Maurine Ann Fabri et vs Avukat tal-Istat** (161/2020JZM):

> *Fid-decizjoni illi tat fit-18 ta` Novembru 1998 fil-kawza "**Direttur Generali tal-Avjazzjonji Civili v. Panta Contracting Limited et**" din il-qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruhha dwar fejn tkun mehtiega kjamata fil-kawza.*
>
> *Il-qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :-*
>
> *"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-giudizzju, b'mod li l-presenza ta` tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-reintegrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.*
>
> *Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il-kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (**Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru 1991)."*

Fis-sentenza hawn fuq ċitata tat-18 ta' Marzu 2021, il-Qorti hemmhekk għamlet espożizzjoni tajba dwar ir-raġuni wara s-sejħa ta' parti bħala kjamat fil-kawża, u qalet hekk:

> *Il-procedura **mahsuba mil-ligi stess** tal-kjamata fil-kawza kienet applikata mill-qrati taghna sabiex :-*
>
> *(a) jigu evitati moltiplicita ta` kawzi u gudizzji :*
>
> *"**Alfred Zammit Cutajar v. Joseph Formosa**" (App.Civ. 26 ta` Gunju 1961) ;*
>
> *(b) tigi evitata possibilita ta` gudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzjoni :*
>
> *"**Barbara v. Mallia**" (App. Civ. 26 ta` Ottubru 1956) ;*
>
> *(c) l-interess tal-konvenut fil-konfront ta` terza persuna jigi protett –*
>
> *"**Joseph Calleja v. Av. Joseph Micallef et noe**" (Prim Awla. 11 ta` Marzu 1952) ;*

> *(d) ikun fl-interess ta` t-terza persuna u l-attur illi l-gudizzju jkun osservat sew :*
>
> ***"Anthony Cini v. Joseph Demanuele"*** *(App.Civ. 8 ta` Frar 1946).*

Il-Qorti tqis ukoll illi meta saret it-talba għall-kjamat in kawża tas-soċjetà Trident Trust Company (Malta) Limited bħala trustee ta' PV Trust, a bażi tal-premessa illi din kienet akkwistat l-ishma mingħand Alison Investment Limited minkejja il-*blank share transfer*, id-difensuri tal-intimati u tal-intervenut fil-kawża ma kinux opponew, kienu rrimettew ruħhom u kif verbalizzat fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2023, il-Qorti kienet b'hekk laqgħet it-talba għall-kjamat in kawża ta' Trident Trust Company (Malta) Limited.

Tqis illi ċertament illi dak ma kienx ifisser illi s-soċjetà hemmhekk kjamata in kawża neċessarjament ser tiġi kkundannata o meno fid-dawl tat-talbiet mressqa fir-rikors promotur – dak huwa ġudizzju li għad irid isir fid-deċiżjoni finali ta' din il-vertenza anke in vista ta' eċċezzjonijiet mressqa mill-istess soċjetà kjamata in kawża.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tirreferi issa għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 2023 fil-kawża fl-ismijiet **l-Avukat Dr Mark Attard Montaldo et vs l-Avukat Dr Michelle Tabone noe et**, fejn il-Qorti, meta kkonfermat digriet tal-ewwel Qorti fejn laqgħet it-talba gal kjamat in kawża, qalet hekk:

> *17. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mat-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appell ewlieni, u sewwasew fejn qed jiġi argumentat li l-Parroċċa ma kellhiex tissejjaħ fil-kawża għaliex ma tgawdix mill-interess meħtieġ fil-liġi biex toqgħod bħala parti mħarrka f'din il-kawża, il-Qorti taqbel għal kollox mal-Ewwel Qorti li l-Parroċċa tabilħaqq tgawdi minn interess dirett sabiex tieħu sehem bħala parti f'din il-kawża;*
>
> *18. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat li sad-data li ġie mogħti d-digriet appellat, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha x-xhieda tal-Arċisqof emeritu Pawlu Cremona li fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2013, fisser li huwa kien ħa d-deċiżjoni li jafda t-*

*tmexxija tal-ġid donat lill-Kappillan tal-Parroċċa u li f'dak iż-żmien dan l-istat ta' fatt baqa' ma nbidilx. Dan kollu ġie wkoll imtenni minn Dun Walter Cauchi, li f'dak iż-żmien kien ilKappillan tal-Parroċċa, li b'affidavit stqarr li, fix-xhur ta' qabel, Monsinjur Arċisqof għoġbu jawtorizzah biex jieħu ħsieb il-ġid donat huwa stess. Fl-istess affidavit, il-Kappillan tal-Parroċċa fisser ukoll x'użu kienet qed tagħmel il-Parroċċa minn dan il-ġid u x'pjanijiet kellha l-Parroċċa għallġejjieni dwar l-aħjar użu pastorali tiegħu;*

*19. Filwaqt li ngħad kemm-il darba li l-interess meħtieġ mil-liġi biex persuna tissejjaħ f'kawża b'mod koatt għandu jkun bħall-interess ġuridiku li jkollha parti mħarrka fil-kawża, madanakollu huwa wkoll aċċettat li tali interess jista' jkun msejjes fuq il-fatt li anke jekk ma jiġix direttament ikkundannat jew meħlus, l-imsejjaħ fil-kawża jkun jista' jressaq ir-raġunijiet tiegħu favur jew kontra t-teżi ta' xi ħadd mill-partjiet l-oħrajn, jew saħansitra tiegħu nnifsu. Ġie wkoll imfisser minn din il-Qorti li: "l-iskop tas-sejħa fil-kawża, mhuwiex sempliċiment miżura sabiex titnaqqas il-possibilità li jkun hemm numru ta' kawżi, imma wkoll sabiex jiġi żgurat li min hu interessat ikun parti mill-kawża u sa fejn jista' jiġi milqut bl-eżitu tal-kawża, jiġi akkordat l-opportunità li jiddefendi ruħu";*

*20. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li l-Parroċċa għandha interess ġuridiku biżżejjed biex tista' toqgħod bħala konvenuta f'din il-kawża. L-ewwel nett, il-Parroċċa tikkwalifika bħala leġittimu kontradittur għaliex ġaladarba li l-ġid mertu tal-kawża tqiegħed mill-Arċidjoċesi biex jitmexxa u jintuża minn dik il-Parroċċa, allura dan iwassal biex il-Parroċċa kienet u hija materjalment involuta fil-ġrajjiet li setgħu u jistgħu jġibu effetti fuq l-Arċidjoċesi bħala ddonatarja fil-kuntratt mertu tal-każ. Ladarba jidher mad-daqqa ta' għajn li l-Parroċċa kienet u għadha involuta fil-ġrajjiet, allura s-sehem tal-Parroċċa f'din il-kawża huwa siewi għaliex il-parteċipazzjoni tagħha tkompli tixħet dawl fuq din il-kwistjoni, u dan fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Barra minn hekk, l-interess dirett tal-Parroċċa joħroġ imbagħad aktar u aktar mill-fatt li, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-atturi, il-Parroċċa ser tkun qed titlef it-tgawdija tal-ġid mertu ta' din it-tilwima, u b'hekk, tista' tintlaqat direttament bl-eżitu tal-kawża. Stat bħal dan jagħti d-dritt lill-Parroċċa biex tiddefendi ruħha;*

*21. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex din il-Qorti tagħti raġun lill-Ewwel Qorti u dan sa fejn laqgħet it-talba tal-Arċidjoċesi*

*għas-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa, b'żieda mal-kunsiderazzjonijiet li ġew mogħtija mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li s-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa hija saħansitra essenzjali għall-għanijiet tat-tieni talba tal-atturi li fiha qed jitolbu lill-Qorti sabiex "[t]ordna l-konsegwenzjali żgumbrament tal-intimat mill-propjetà kollha in kwistjoni". Ġaladarba li anke mad-daqqa ta' għajn jidher li l-Parroċċa qed tuża l-ġid mertu ta' din it-tilwima, allura s-sejħa fil-kawża ta' din il-Parroċċa hija, fl-aħħar mill-aħħar, ta' ġid u ta' utilità għall-atturi appellanti nfushom u dan għaliex, f'każ li l-Qorti jkollha tilqa' l-aggravji u t-talbiet tagħhom, dan iwassal biex l-ordni ta' żgumbrament tkun torbot ukoll lill-Parroċċa u mhux lill-Arċidjoċesi biss;*

*22. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel aggravju tal-appell ewlieni li għandu x'jaqsam mat-talba għat-tħassir tad-digriet interlokutorju tal-20 ta' Frar, 2014, m'huwiex mistħoqq u għaldaqstant qiegħed jiġi miċħud;*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba li qed issir għall-kjamat in kawża tal-Bank MeDirect Bank (Malta) plc.

Il-Qorti tqis illi minn dak dikjarat fl-atti, jidher illi l-ishma mertu tal-kawża llum ġew trasferiti u dan sar anke pubbliku bid-debiti notifiki lill-MBR. Illi jirriżulta wkoll minn dak dikjarat minn Trident Trust Company (Malta) Limited illi dan it-trasferiment sar "*fuq talba ta' MeDirect Bank (Malta) plc sabiex tipprotegi l-interessi taghha ……*" – u kwindi l-Qorti tqis illi l-Bank de quo għandu interess fil-proċeduri odjerni, una volta dawn jitrattaw proprjetà, tajjeb jew ħazin, illum tagħha. Tqis illi għandha interess f'dawn il-proċeduri sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tagħha jew dawk li tippretendi illi jista' għandha, anke fl-eventwali eżitu potenzjali għat-talbiet mressqa mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu.

Kif mgħallem fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti jidhrilha li l-bank de quo għandu interess ġuridiku biżżejjed biex joqgħod bħala konvenut f'din il-kawża. L-ewwel nett, huwa jikkwalifika bħala leġittimu kontradittur għaliex ġialadarba li l-ishma mertu tal-kawża jinsabu llum reġistrati f'ismu tramite trust, allura dan iwassal biex il-Bank huwa materjalment involut fil-ġrajjiet li setgħu u jistgħu jġibu effetti fuqu. Ladarba jidher mad-daqqa ta' għajn li l-Bank kien u għadu involut fil-ġrajjiet relatati għat-trasferiment tal-ishma, allura s-sehem tal-Bank f'din il-kawża huwa siewi għaliex il-parteċipazzjoni tiegħu tkompli

tixħet dawl fuq din il-kwistjoni, u dan fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Barra minn hekk, l-interess dirett tal-Bank joħroġ imbagħad aktar u aktar mill-fatt li, f'każ u f'eventwalità li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur, huwa jista' jkun illi jkollu jaffaċċja kwistjonijiet oħra fir-rigward tal-istess ishma, u b'hekk, jista' jintlaqat direttament bl-eżitu tal-kawża odjerna. Stat bħal dan jagħti d-dritt lill-Bank sabiex jiddefendi ruħu.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi sabiex, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 961 tal-KAP 12, tilqa' t-talba għas-sejħa fil-kawża ta' **MeDirect Bank (Malta) plc** kif magħmula mir-rikorrenti fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, u

a) tordna l-kjamata fil-kawża ta' **MeDirect Bank (Malta) plc**,

b) tordna n-notifika lill-kjamat fil-kawża tal-atti promotorji tal-azzjoni tar-rikorrenti a spejjeż tar-rikorrent;

c) tagħti lill-kjamata fil-kawża żmien għoxrin (20) jum min-notifika sabiex jippreżenta risposta.

Spejjeż jibqgħu riżervati għal ġudizzju finali.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**